MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2007

Numru. 751/2006

Il-Pulizija
(Spettur Kevin J Farrugia)

vs
Jonathan Gatt

Il-Qorti,

Rat li l-imputat, Jonathan Gatt ta’ 25 sena, bin Raymond u Susan nee Coleiro, imwieled Pieta nhar l-1 ta’ April, 1981 u residenti Flat 3, Bini tal-Gvern, Binja K, Triq ta’ Giorni, San Giljan, detentur ta’ numru tal-karta tal-identita 0174981(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-10 ta’ Frar, 2006 ghall-habta tas-1.00a.m. waqt li kien qed isuq vettura ABM 817 ta’ l-ghamla Toyota fi Triq Margaret A Murray, in-Naxxar u f’inhawi ohra fil-Gzejjer Maltin:

1. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti ikkaguna griehi :

a. ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Brett Davies I.D. 0022487(A) skond kif iccertifika Dr Stephen Muscat M.D. (reg. 1455) tal-*Casualty Department* ta’ l-Isptar San Luqa;

b. u aktar talli ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ David James Alan I.D. 22376(A) skond kif iccertifika Dr Stephen Muscat M.D. (reg. 1455) tal-*Casualty Department* ta’ l-Isptar San Luqa.

2. Saq b’manjiera traskurata, bla kont u perikoluz u dan bi ksur tal-Artikolu 15 (1) (a) (2) tal-Kap. 65, meta habat ma residenza “Solander”, Triq Margaret A Murray, Naxxar ghad-dannu ta’ Joseph Xuereb li ghandu numru ta’ l-identita 108728(M).

3. Saq bi speed eccessiv u dan ai termini ta’ l-artikolu 127 tal-L.S. 65.11.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba illi f’kaz ta’ htija, tiskwalifika lill-imsemmi Jonathan Gatt milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 3 ta’ Awissu, 2006 (esebit a *folio* 10 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jinstemghu bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta ta’ l-1 ta’ Dicembru, 2006 ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jinstemghu u jigu decizi minn din il-Qorti fil-kompentenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz jirrigwarda incident stradali li sehh fl-10 ta’ Frar, 2006 fi Triq Margaret Murray, Naxxar. L-imputat kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABM 817 u kellu bhala passiggiera fil-vettura lil Brett Davies u lil James Alan Davies. Huwa kien qed jipprocedi fl-imsemmija triq sejjer fid-direzzjoni tan-Naxxar, precizament huwa kien ghaddej mis-*service road* li hemm fl-imsemmija triq meta f’mument minnhom huwa laqat jew tela’ fuq il-bankina, laqat *direction pole* u baqa’ diehel fil-*front boundary wall* ta’ blokk flats u kkaguna danni kemm fil-*pole* kif ukoll fil-hajt ta’ dan il-blokk flats.

Mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni rrizulta li z-zewg passiggiera li kien hemm fil-vettura ta’ l-imputat wegghu bhala konsegwenza ta’ dan l-incident. Mix-xhieda ta’ Brett Davies li xehed fis-seduta ta’ l-1 ta’ Dicembru, 2006, irrizulta li huwa sofra griehi ta’ natura gravi. Dan jirrizulta wkoll mix-xhieda ta’ Dr Stephen Muscat li xehed fis-seduta tat-8 ta’ Marzu, 2007 u mic-certifikat mediku esebit minn dan ix-xhud u mmarkat bhala Dok. SM1 ( a *folio* 35 tal-process). Mid-deposizzjoni ta’ dan ix-xhud irrizulta wkoll li James Alan Davies, u cioe’ il-passiggier l-iehor riekeb fil-vettura ta’ l-imputat sofra griehi ta’ natura hafifa.

Mill-provi rrizulta wkoll li l-imputat ghamel tajjeb ghall-hsarat li kkaguna fl-arblu/sinjal u fil-*boundary wall* (ara xhieda ta’ Joseph Portelli li xehed fis-seduta ta’ l-1 ta’ Dicembru, 2006 u dik ta’ Joseph Xuereb li xehed fis-seduta tas-17 ta’ Mejju, 2007).

Iz-zewg passiggiera li kienu fil-vettura ta’ l-imputat it-tnejn iddikjaraw li ma kellhomx pretensjonijiet fil-konfronti ta’ l-imputat, u Brett Davies qal li l-incident ma sehhx tort ta’ l-imputat izda minhabba nuqqas ta’ dawl adegwat fil-lokalita’ fejn sehh l-incident. Kemm Brett Davies kif ukoll James Alan Davies indikaw li l-imputat kien qed isuq b’velocita’ ta’ madwar hamsa u erbghin (45) jew hamsin (50) kilometru fis-siegha. L-imputat ghazel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri.

Fir-rigward tal-velocita' li biha kienet qed tinstaq il-vettura mill-imputat, il-Qorti tirrileva li mill-okkorenza mhejjija minn PS226 Paul Bonanno u esebita fis-seduta tas-17 ta' Mejju, 2007 (Dok. PB2 *a folio* 47 tal-process) jirrizulta li *a tempo vergine* l-imputat kien qal lill-imsemmi surgent li nvestiga l-kaz li huwa kien qed isuq b'velocita' ta' madwar 70 kilometru fis-siegha. Brett Davies kien ukoll indika l-velocita' ta' sebghin (70) kilometru fis-siegha meta tkellem ma' PS 226.

Fil-fehma tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-imputat kien qed isuq b'velocita' eccessiva ghall-lokalita' fejn sehh l-incident u b'manjiera traskurata u negligenti. Dan jinghad il ghaliex velocita' ta' sebghin (70) kilometru fis-siegha f'*built up area* f'post fejn il-luminazzjoni kienet limitata, certament jammonta ghal sewqan traskurat u certament jista' jinghad li l-imputat ecceda l-limitu ta' velocita' ghall-lokalita' in dizamina. Il-Qorti izda ma jidirlhiex li jista' jinghad li l-imputat kien qed isuq bla kont. Huwa kien negligenti u traskurat fis-sewqan tieghu ghaliex fic-cirkostanzi li kien jinsab fihom, u cioe' f'post fejn id-dawl kien limitat, huwa messu qaghad aktar attent u kien qed isuq b'velocita' anqas minn sebghin (70) kilometru fis-siegha. L-entita' tad-danni u l-griehi sofferti mill-passiggieri hija konferma ulterjuri ta' dan kollu.

Kif diga ntqal aktar il fuq mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni rrizulta wkoll li gew kkagunati griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Brett Davies u griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Alan Davies. Il-griehi sofferti minn Brett Davies huma ta' natura gravi izda l-konsegwenzi ma humiex dawk imsemmija fl-Artikolu 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 328 (c) u 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a)(2) u (3) tal-Kap 65 u l-Artikolu 127 ta' LS 65.11 tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta' Lm 100.00 (mitt lira Maltin). B'applikazzjoni ta' l-Artikolu 15 (3) tal-Kap 65, il-Qorti qed tiskwalifika lill-imputat milli jzomm licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' tmint (8) ijiem millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------